# Il-Pesta tal-1813 u n-Naxxar



Minn Mark Mangani
B.A. hons. (hist:), P.G.C.E. (hist:)

## Malta fil-bidu tas-Seklu Dsatax

Meta wieħed jagħti ħarsa lejn l-Istorja ta' Malta, malajr jintebaħ li fil-bidu tas-seklu dsatax, il-gżira tagħna, għaddiet minn numru ta' taqlib f'qasir żmien. Nibdew biex nsemmu it-tibdil fit-tmexxija tal-pajjiż, fejn f'inqas minn tliet snin (1798-1800) dawn il-gżejjer kienu amministrati l-ewwel mill-kavallieri ta' San Ġwann li kien ilhom hawn Malta sa mis-seklu sittax, segwit minn perijodu qasir ta' ħakma Franċiża, sakemm Malta spiċċat taħt l-influwenza Ingliża fl-1800. Fil-bidu tas-seklu dsatax Malta kienet saret ċentru ta' kummerċ u l-Ingliżi ma damux wisq biex intebħu bil-valur strateġiku li kellha Malta għall-Imperu tagħhom. Iżda kien biss fl-1813 li l-gżejjer Maltin għaddew uffiċjalment għand l-Ingilterra u saru kolonja Brittanika. Kien għadu lanqas biss rifes l-art l-ewwel gvernatur, Sir Thomas Maitland, li ma laħqitx feqqgħet il-pesta!



Xena tal-portijiet fil-bidu tas-seklu 19.

## X'Kienet il-pesta?

Għalkemm jeżistu tipi differenti ta' pesta, hawn Malta kellna dik magħrufa bħala l-pesta bubonika. Din hija epidemija li tiċċirkola qalb il-firien u l-parassiti li jkun hemm fuqhom. Il-grieden kienu jivjaġġaw moħbija fuq il-vaxxelli minn art għall-oħra filwaqt li kienu jfawru l-ibliet u għalhekk il-baħrin u l-beltin kienu fost l-iktar milquta. It-terminu mediku bubonika, ġej mill-kelma Grieka *'bubo'* li tfisser infieħ fil-glandoli ta' taħt l-għabt, fl-għonq u anki fil-kuxxtejn ta' dawk milquta. Apparti il-*'bubo'*, xi sintomi oħra huma deni kbir, nawsja, tqaħqieħ, tibdil fil-kulur tal-ġilda, bugħawwieġ fil-muskali u ħafna iktar. Is-sintomi tal-pesta bubonika kienu normalment jitfaċċaw minn jumejn sa ħamest ijiem wara li tittieħed u f'ħafna każi l-pazjenti kienu jitilfu ħajjithom f'erbat ijiem. Fil-bidu tas-seklu dsatax, din kienet marda bla rimedju għaliex ħadd ma kien jaf minn fejn toriġina eżatt u wisq inqas kif tista' tfejjaqha. Kienu jemmnu li din kienet kontjaġjuża u tittieħed minn persuna għall-oħra kemm direttament u anke indirettament, ngħidu aħna billi tmiss xi oġġetti nfettati.



Dettal mill-pittura ta' P.P.Caruana li juri t-tqarbin tal-morda bil-pesta (1813-1814).

Dan jidher ċar fin-numru ta' proklami li nħarġu matul dak iż-żmien. Minħabba n-nuqqas ta' għarfien mediku fuq din il-patoloġija, kienu jagħmlu kull ma jaħsbu li jista' jeqred jew jikkontrolla l-epidemija. Kienu ingħalqu l-qrati, l-iskejjel, it-teatri u anke ħafna mill-uffiċji tal-gvern, filwaqt li l-isqof issospenda l-attendenza obbligatorja tal-quddies fil-Ħdud u l-festi kmandati. Il-klieb, l-qtates u t-tjur kellhom jissakru fid-djar. Kellhom ukoll jinħarqu l-ħwejjeg u l-bċejjeċ tad-drapp żejda filwaqt li l-ħwejjeġ ma setgħux jintaxru iktar fil-gallariji. Il-popolazzjoni kienet mitluba biex tibqa' kemm jista' jkun fid-djar. Setgħu jiftħu biss ħwienet li kellhom permess, filwaqt li min joħroġ jixtri kien avżat biex ma jmiss ma ħadd u jaħsel sew dak kollu li jixtri filwaqt li l-flus kellhom jitlaħalħu bil-ħall qabel jingħataw. Kellhom


Ex-voto relatat mal-pesta minn kollezzjoni privata.

isiru spezzjonijiet fid-djar u min jinqabad jaħbi l-pesta kien jingħata l-piena tal-mewt hekk kif ġara lil Antonio Borġ f'Awissu tal-1813. Kienet tingħata ukoll il-piena tal-mewt lil kull min jibdel ir residenza tiegħu bla permess. Il-qoton kien iddikjarat bħala infett u għalhekk kellu jitwaqqaf u bdew jissuspettaw ukoll fil-karti tant li nħarqu ħafna dokumenti mportanti u bdew jiktbu fuq l-injam.[1] Il-ħabsin kellhom iġorru lil dawk milquta bil-pesta filwaqt li l-vittmi kellhom jitgħattew bil-ġir waqt id-dfin.

Naturalment, kienu ħarġu ħafna iktar proklami minn dawn li semmejt. Filwaqt li prekawzjonijiet bħal dawn setgħu kienu siewja, ħafna minnhom ma tantx kienu effettivi. Iżda kien biss lejn l-aħħar tas-seklu dsatax li bdew jiskopru eżatt minn fejn kienet ġejja l-pesta jiġifieri mill-ġrieden.

## Il-Pesta f'Malta

Il-Pesta ma kinitx xi epidemija ġdida għall-gżejjer Maltin. Fil-fatt qabel l-1813, apparti numru ta' każijiet iżolati, kien hawn żewġ imxijiet qliel bejn 1592-93 u l-1675-76. Iżda fis-seklu dsatax, l-ewwel każijiet tfaċċaw ġewwa l-Belt Valleta fil-bidu t'April tas-sena 1813 u nistgħu ngħidu li baqgħu jkarkru sa Frar tas-sena ta' wara. F'dak iz-zmien, il-popolazzjoni tal-gżejjer Maltin kienet tammonta għal madwar 116,000 ruħ. Minn dawn 4,732 sfaw vittmi tal-pesta u allura nistgħu ngħidu li din l-epidemija kienet qatlet madwar 4% tal-popolazzjoni Maltija.[2] Imma wieħed jistaqsi minn fejn ġiet il-pesta f'Malta?

L-Ewwel każ ta' mewt bil-pesta, ġie ddikjarat uffiċjalment mill-Kumitat tas-Saħħa Pubblika, fil-5 ta' Mejju 1813. Però nafu li l-pesta kienet ilha fuq il-gżira tant li dak inhar kien ġa tard wisq biex tikkontrolla l-epidemija għax laħqet infirxet.

Għalkemm ħadd ma kien ċert kif daħlet il-pesta, jidher ċar li f'dak iż-żmien ħafna kienu tal-fehma li daħlet Malta hekk kif tfaċċa il-brigantin *'San Nichola'*. Dan il-vaxxell wasal Malta fid-29 ta' Marzu 1813, minn Alessandria fl-Eġittu, fejn kienet faqqgħet il-pesta fis-sena ta' qabel. Hekk kif tfaċċa fil-port, il-kaptan informa lill-uffiċjali li kien tilef żewġ baħrin waqt il-vjaġġ u li x'aktarx kellhom is-sintomi tal-pesta. Bħala prekawzjoni, il-kaptan u l-ekwipaġġ tniżżlu fl-isptar ta' Lazzarett ta' fuq il-Gzira Manoel ġewwa l-port ta' Marsamxett sabiex jinżammu fi kwarantina. Dawn kienu lkoll imġiegħla jqaxxru xagħarhom, jinħaslu fl-ilma baħar u wara anke bil-ħall u ma tħallew iniżżlu xejn minn fuq il vapur. Min-naħa l-oħra kollox deher li kien intemm sakemmm fl-1 ta' April, il-Kaptan u s-servjent tiegħu li kienu it-tnejn Maltin tfaċċawlhom is-sintomi u mietu f'sitta u tletin siegħa fejn wara ndifnu fil-Lazzarett. Malajr sabu konnessjoni; is-servjent tal-Kaptan kien dahar b'dawk iż-żewġ baħrin li kienu mietu abbord u ttieħed!

Iżda fl-14 ta' April jidher li l-pesta kienet niżlet l-art. It-tabib Malti, Dott. Gravagna kien mitlub biex imur jinvista t-tifla tal-iskarpan Salvatore Borg ġewwa Strada San Paolo No.227 li tilfet ħajjitha ftit sigħat wara b'sintomi suspettużi. Fid-19 ta' April mardet ukoll l-istess mara tal-iskarpan li kienet tqila u ħdax-il ġurnata wara, misset lit-tifel tiegħu li kellu biss erba' snin. Fit-3 ta' Mejju, il-mara ta' Borġ welldet tifel li sfortunatament twieled mejjet u hija mietet l-għada filgħodu. Fl-istess ġurnata, jiġifieri fl-4 ta' Mejju, kien imiss lil Salvatore Borg stess li ttieħed malajr il-Lazzarett fejn miet xi jiem wara. Fis-6 ta' Mejju mietet ukoll mara oħra ġewwa Strada Sant' Ursola li nteressanti ngħidu kienet il-qabla li welldet it-tarbija ta' mart l-iskarpan! Minn hemm 'il quddiem nistgħu ngħidu li l-pesta bdiet tinfirex b'rittmu mgħaġġel. Iżda x'inhi l-konnessjoni bejn Salvatore Borg u l-brigantin *'San Nichola'*?


Mappa tal-port ta' Masamxett fis-seklu 19 u l-Lażżaret li jinsab fuq il-Gżira Manoel.

Hawn ukoll malajr sabu konnessjoni! Salvatore Borg kien mar tas-Sliema u minn hemm xtara xi ġilda b'kutrabandu mingħand l-uffiċjali li suppost kienu qed jgħassu il-vaxxel *'San Nichola'* li kien għadu fi kwarantina! Għalkemm mhux kulħadd kien jaqbel, din il-versjoni, kienet miżmuma bħala

l-oriġini tal-pesta f'Malta tas-seklu dsatax, kemm mill-Gvernatur Maitland u anke mill-aqwa tobba Ngliżi ta' dak iż-żmien bħal Dr.Tully u anka minn Sir Ralp Green li kien l-ispettur tal-Isptarijiet.[3]

## Il-Pesta fin-Naxxar

Għalkemm il-pesta kien ilha f'Malta għal madwar xahrejn, jidher ċar li fin-Naxxar tfaċċat biss fil-bidu ta' Ġunju 1813 u ntemmet fl-ewwel jiem ta' Diċembru tal-istess sena. Fin-Naxxar, ftit insibu evidenza ta' din l-epidemija. Però ta' min jgħid li fil-mużew tal-parroċċa għad hemm ikkonservati żewġ vireg li bihom il-qassisin kienu jqarbnu l-morda tal-pesta.

Sors important li jixħet ftit dawl fuq il-pesta tal-1813 u n-Naxxar, huwa il-*Giornale Delle Peste*. Fih kont issib, xi drabi ġurnata b'ġurnata, annunċi u proklami li jinkludu l-ismijiet ta' dawk il-persuni li sfaw vittmi tal-pesta u dawk li ntlaqtu minnha. Skont dan tal-aħħar insibu li bejn Mejju u Ottubru tal-1813 kien hemm biss tmien vittmi Naxxarin, filwaqt li erba' Naxxarin oħra kellhom is-sintomi. Jidher ukoll biċ-ċar li fin-Naxxar l-pesta kienet fl-aqwa tagħha fix-xhur ta' Ġunju u Lulju 1813 fejn wara kienet donna għebet.

**Tabella 1.1- Avviżi maħruga fil-*Giornale Delle Peste* fejn jissemmew in-Naxxarin.[4]**

| Data | Isem tal-vittmi tal-pesta | Data | Isem ta' min kellu s-sintomi. |
|---|---|---|---|
| 11th June 1813 | Catarina Manueli | 23rd June 1813 | Maria Cammisuli |
| 24th June 1813 | Caterina Frendo | 23rd June 1813 | Giuseppe Manueli |
| 25th June 1813 | Giuseppe Manueli | 1st July 1813 | Rosa Vassallo |
| 27th June 1813 | Paolo Cammisuli | 5th July 1813 | Simone Zammut |
| 28th June 1813 | Michele Vassallo | 5th July 1813 | Grazia Frendo |
| 5th July 1813 | Rosa Vassallo | 21st July 1813 | Giovanni Vella |
| 9th July 1813 | Grazia Frendo | 9th August 1813 | Maria Schembri |

Hekk kif teżamina dawn l-ismijiet mill-ewwel tinnota li xi kunjomijiet huma l-istess u għalhekk nistgħu ngħidu li xi każijiet kienu relatati bejniethom. Naraw per eżempju l-każ ta' Michele u Rosa Vassallo, it-tnejn imsemmijin hawn fuq, li kienu miżżewġin. Interessanti ngħidu li Michele Vassallo kien il-Lougotenente tad-distrett li kellu d-dmir li jispezzjona u jinforma l-Kumitat tas-Saħħa Pubblika b'dak kollu li qed jiġri u li għandu x'jaqsam mal-pesta fl-inħawi tan- Naxxar u l-irħula tal-madwar. Dan tal-aħħar huwa midfun fiċ-ċimiterju msejjaħ ta' Gadaf li kien inbena apposta fl-1813 għall-vittmi tal-pesta. Dan jinsab eżatt kif tinżel it-telgħa T'Alla u Ommu fuq in-naħa tax-xellug. Peress li dan iċ-ċimiterju huwa maqtugħ ferm mill-kumplament tar-raħal, il-vittmi tal-pesta kemm Naxxarin u anke minn irħula oħrajn kienu ndifnu hemm. Però nafu fiċ-ċert illi xi waħdiet indifnu f'inħawi oħra. Ta' min jgħid li apparti dawn is-seba' vittmi msemmija hawn fuq fit-*tabella 1.1*, il-*Giornale Delle Peste*, maħrug fit-30 ta' Settembru 1813, jindika ukoll persuna oħra li kien joqgħod fl-inħawi ta' San Pawl il-Baħar 'vicino la Torre di S. Paolo a Mare' però li isimha ma kienx magħruf. Peress li dak iż-żmien dawk l-inħawi kienu jagħmlu parti min-Naxxar, b'kollox, skont dawn id-dokumenti bejn Mejju u Ottubru tal-1813 kienu, mietu tmien Naxxarin bil-pesta.[5]

Rapport importanti huwa dak li ħejja Dr. W. H. Burrell li kien l-uffiċjal mediku tal-armata Ngliża li kien qed jinvestiga kif intlaqtu t-truppi stazzjonati f'Malta. Nsibu li dan jerġa' jikkonferma li kien hemm tmien Naxxarin biss illi tilfu ħajjithom bil-pesta minn popolazzjoni ta' 2,985 ruħ.[6] Iżda wieħed irid iżomm f'moħħu li dan ir-rapport kien sar wara, fl-1854, u li probabli huwa bbażat fuq il-*Giornale Delle Peste*. Ta' min jgħid li meta tikkunsidra li n-Naxxar kien ferm ikbar milli huwa llum, kif ukoll meta tqabbel in-numru ta' vittmi li kien hemm f'irħula oħrajn, nistgħu ngħidu li n-Naxxar kien ħelisha ħafif. Dan jgħodd ukoll għall-irħula ġirien. Il-Mosta, minn popolazzjoni ta' 3,369 ruh

**Iċ-ċimiterju ta' Gadaf fejn indifnu ħafna mill-vittmi tal-pesta Naxxarin. Fil-koxxa tal-bieb hemm mnaqqxa numru sabiħ ta' graffiti. Fost dawn hemm xi slaleb li x'aktarx jindikaw in-numru ta' nies midfuna fih.**





kienu mietu 32 ruħ, filwaqt li Ħal Għargħur ma kien intlaqat ħadd. Però irħula oħra kienu intlaqtu ħazin ħafna. Ħaż-Żebbuġ kienu tilfu ħajjithom 691 ruħ minn popolazzjoni ta' 4,776 filwaqt li f'Ħal Qormi kienu mietu 614 minn popolazzjoni ta' 4,130.[7] Kien f'dan iż-żmien li ssaħħet ferm id-devozjoni lejn San Sebastjan, il-qaddis protettur ta' dawk milquta bil-pesta, qalb il-Qriema. Minn dan ir-rapport jidher ċar ukoll li l-ebda persuna minn Naxxar ma ġiet mibgħuta fl-isptar tal-pesta jew aħjar ġo Lażżarett kif ukoll li l-ebda tabib jew mediku li eżerċità n-Naxxar ma ttieħed minn din l-epidemija.

Sors ieħor li jista' jagħtina stampa ċara huwa l-Liber Defectorum jew aħjar, il-ktieb li jżomm rendikont ta' min miet jew indifen. Dan jinsab ikkonservat fl-arkivju tal-knisja parrokkjali tan-Naxxar. Dan is-sors ma jaqbilx mas-sorsi ta' qablu għaliex jgħidilna li dawk li mietu bil-pesta jammontaw għal madwar sittax. Dan huwa d-doppju ta' kemm jistqarru d-dokumenti tal-amministrazzjoni li semmejt qabel. Iżda jista jagħti l-każ li jew indifnu xi nies minn barra r-raħal ġewwa Naxxar, jew qed jinkludi n-nies li mietu b'sintomi suspettuzi li mhux ikkonfermat jekk kienx pesta wkoll, jew forsi li l-parroċċa kellha dokumentazzjoni iktar preċiża minn tal-amministrazzjoni Ngliża. Qed ngħid dan għaliex il-*Giornale Delle Peste* jkopri biss minn Mejju sa Ottubru 1813 filwaqt li l-Liber Defectorum jibqa' sejjer anke wara li ntemmet l-epidemija. Jikkonferma dan l-argument, ir–rakkont ta' Dr. Robert Calvert it-tabib tal-forzi Ngliżi f'Malta fi żmien il-pesta tal-1813. Dan b'ċertu dettal jagħtina stampa ċara tar-realtà u jindika każ ieħor ta' pesta fin-Naxxar fl-aħħar ta' Novembru 1813. Fil-fatt huwa kiteb hekk:



Inċiżjoni li tinsab ta' Gadaf. Din tindika s-6 ta' Diċembru 1813, l-aħħar każ ta-pesta fin-Naxxar.

*'About this time too, a women at Nasciar, where the plague had not existed for three months, was attacked in the following manner. She was brought to bed in the beginning of December, but before she had time to recover from her indisposition, her husband compelled her to get up and wash his pantaloons. Being fatigued by the exertion, she drank a good deal of wine. This was soon followed by flooding, and that, which suddenly ceased, by a violent fever attended by a bubo in the groin, and she expired on the following day.*

*In this instance, the infection was accounted for in the following manner. A noted smuggler, who had been kept a long time in observation, and afterwards liberated in consequence of no marks of disease appearing upon him, had been drinking a short time before the accident with this woman's husband, when it was supposed he came in contact with the identical pantaloons the woman had washed!'*[8]



San Pawl, Santu Rokku u San Sebastjan, it-tliet qaddisin marbuta mal-pesta.

Għalkemm l-Ingliżi kienu għamlu mill-aħjar u ħadu ħafna prekawzjonijiet biex jikkontrollaw u jsibu tarf il-pesta, ngħidu aħna billi jżommu kwarantina stretta, ta min jgħid li mhux l-ewwel darba li kienu jinkisru dawn l-ordnijiet mill-Maltin. Fil-fatt, il-Gazzetta tal-Gvern tindika li fil-bidu ta' Diċembru 1813 kien hemm xi tip ta' kuntatt permezz ta' dgħajjes bejn in-Naxxar u l-hekk imsejħa '*Baia di San Giorgio*' u dan il-każ ġie investigat fit-8 ta' Diċembru 1813.[9] Sfortunatament ma rnexxieli nsib xejn rigward il-konkluzzjonijiet ta' din l-investigazzjoni! Pero jidher li minħabba dal-kuntatt reġgħet feġġet il-pesta fin-Naxxar. Infatti, skont il-Liber Defectorum nsibu żewg vittmi oħra tal-petsa fis-6 ta' Diċembru 1813 li kienu Paskal Micallef ta' 85 sena u Anna Mula ta' 12-il sena li kienu ndifnu f' Ta' Gadaf. Interessanti ngħidu li fuq il-pilastru ta' dan iċ-ċimiterju, insibu inċiż graffit illi jġib din id-data. Dan l-avveniment huwa kollu kkonfermat mir-rakkont tal-istess Dr. Robert Calvert li jikteb hekk:

*'Yesterday (6$^{th}$ December 1813) another pestilential case occurred at Casal Nasciar, which was found to have proceeded from a communication with the house at St.George's. It has been also discovered, that boats, either for the purpose of smuggling or refreshing, have been in the habit of frequenting St.Georges Bay, when the crews occasionally disembarked and had communication with the said house.'*[10]

Wara dan il-każ jidher li n-Naxxar kien irnexxielu jegħleb din l-epidemija għal kollox. Naturalment, il-prekawzjoni qatt ma kienet biżżejjed. Fil-fatt insibu storja oħra marbuta man-Naxxar li tgħid hekk:

*'The 14$^{th}$ of January being the day on which the period of clean quarantine had expired in Valletta,*

*and the surrounding cities, these obtained free pratique at that time. It had also been the intention of the governor to have granted pratique to the whole of the country, except Casal Curmi, but unfortunately a case of rather sudden death occurred at Casal Nasciar on the day preceding; and, although the body did not exhibit any signs whatever of glandular enlargement, it was judged prudent to suspend the granting of pratique to the whole island for a few days longer. ...'*[11]

## Konklużjoni

F'Settembru 1814, il-Gvernatur Maitland, bi pjaċir iddikjara li Malta kienet ilha għal sitt xhur sħaħ ħielsa mill-pesta. Iżda issa l-Maltin kellhom jiffaċċjaw problemi oħra. Il-kummerċ u l-agrikoltura kienu ħadu daqqa ta' ħarta kbira u għalhekk issa kellhom ixammru jdejhom biex jerġgħu jibdew mill-ġdid. Malta kienet imtliet ċimiterji tal-pesta u d-devozzjoni lejn il-qaddisin marbuta mal-pesta żdiedet ġmielha. Ta' min jgħid li fis-snin ta' wara mhux l-ewwel darba li daħlu xi vapuri infettati oħra. Fir-Rapport tiegħu, Dr. Burell jelenkalna lista sħiħa bil-prekawzjonijiet li ttieħdu. Iżda wara xofa bħal dik, din id-darba kien irnexxielhom jiżolaw il-pesta ġo Lażżarett.

Illum wara mitejn sena, ftit napprezzaw postijiet bħal Lażżarett u ċ-ċimiterji tal-pesta li għandna mxerrdin ma' Malta kollha. Apparti li fil-passat, dawn kellhom sehem importanti fil-glieda kontra l-pesta, u taffew mhux ftit mill-għawġ li kellhom jgħaddu minnu missirijietna, dawn jagħmlu parti mill-istorja u l-wirt storiku tagħna. Ħasra li ħafna minnhom jinsabu fi stat ta' telqa kbira!

**Referenzi**


1 Paul Cassar, The use of wood as a writing medium during the plague of Malta of 1813, 1966.

2 P.Cassar, 'Medical History of Malta', 1965, p1 76.

3 First report from the select Committee appointed to consider the means of improving and maintaining the foreign trade of the country, 1824 / Robert Calvert, 'An account of the origin and progress of the plague in the island of Malta in the year 1813.', 1815

4 Giornale delle Peste colle Notificazioni e Proclame riguardanti la medesima delli mesi di Maggio,Giugno e Luglio 1813; Giornale delle Peste colle Notificazioni e Proclame riguardanti la medesima delli mesi di Agosto, Settembre ed Ottobre 1813.

5 Ibid.

6 W.H. Burrell, 'Report of Dr. Burrell on the plague of Malta, 1813', 1854, p 40.

7 Ibid.

8 Robert Calvert, 'An account of the origin and progress of the plague in the island of Malta in the year 1813.', 1815, p 32.

9 M.G.G., 8/12/1813, p 26.

10 Robert Calvert, 'An account of the origin and progress of the plague in the island of Malta in the year 1813.', 1815, p 38.

11 Ibid., p 40.



SALINA

FRUIT & VEGETABLES

Salina Bay

Adrian: 9931 5588 Rudolph: 7947 3191 Doris: 9929 7936


